Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 5/2019

Il- Pulizija

(Spettur Kurt Zahra)

Vs

Samuel Borg

Illum 18 ta'Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Samuel Borg detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 434286 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-17 ta' Ottubru, 2004, ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, fi Triq Birkirkara, San Gwann, ikkommetta serq ta' oggetti fosthom flus kontanti, li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta' mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin, minn go l-istabbiliment 'Vegimania', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u li sehh ghad-dannu ta' Marco Abela;

U kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skont il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Dicembru 2018, fejn il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikoli 261 (b) u (c), 263 (a), 267, 278(2), 279 (a) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija;

2. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

3. Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Samuel Borg, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tbiddel u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tilliberah mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u fin-nuqqas li tagħti piena ferm aktar xieraq għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Samuel Borg huwa s-segwenti u cioè:-

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma messhiex sabet ħtija fir-rikorrenti.

Subordinament, kellha tingħata piena aktar xierqa skont iċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Illi l-fatti tal-kaz kienu li lura f'Ottubru tal-2004 għall-ħabta tat-3.00 ta' waranofsinhar il-Pulizija ġew infurmati li mill-istabbiliment 'Vegimania' fi Triq Birkirkara ġewwa San Ġwann saret serqa ta' oġġetti fosthom flus kontanti li l-valur globali tagħhom kien jeċċedi mitt Lira Maltin (Lm100) iżda kien inqas minn elf Lira Maltin (Lm1,000).

Il- Pulizija kienu marru fuq il-post u sabu ħġieġa li hemm fuq in-naħa tax-xellug tal-ħanut imkissra u li minn ġewwa l-ħanut kien ittieħed il-*cash register* li kien fih xi flus.

Fuq in-naħa tat-triq tal-apertura li ġiet imkissra kien hemm installati quddiem l-istess apertura numru ta' *outdoor units* tal-*air conditioners*. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-fond in kwistjoni fejn tkissret din l-apertura kien hemm għadd ta' pakketti tal-fliexken tal-plastik tal-ilma stivati fuq xulxin li kważi kienu jgħattu l-apertura.

Mill-investigazzjoni li saret irrizulta li l-ħalliel kien telaq jiġri fit-triq u fil-proċess xerred xi muniti tal-flus tul Triq Birkirkara sakemm wasal fil-kantuniera ta' Triq il-Gallina, fejn

rema l-*cash register* b'xi muniti fih f'għalqa li tinsab eżatt fil-kantuniera bejn Triq Birkirkara u Triq il-Gallina.

L-inkjesta Magisterjali kienet saret iżda mill-provi miġbura sal-istadju sakemm ingħalqet l-inkjesta ma ġiet indizzjata ebda persuna jew persuni li setgħu kkommettew dan ir-reat.

Fl-2006 il- Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien involut fis-serqa. Il-Magistrat Inkwirenti kien ħatar espert tal-impronti diġitali sabiex jieħu l-impronti tal-imputat u nħatar espert indipendenti sabiex jagħmel eżamijiet komparattivi bejn l-impronti tal-imputat u l-impronti li setgħu nstabu fuq ix-xena tad-delitt.

L-espert Joseph Mallia kien ikkonkluda billi qal li "l-impronti li jidhru fuq "il-lifter" (Dok 04 CSM 302[1]) ġew ikkomparati u identifikati mal-marki tas-suba l-werrej, is-suba tan-nofs u s-suba taċ-ċurkett tal-id il-leminija" tal-imputat.

In vista ta' dawn ir-rizultanzi l-Magistrat Inkwirenti ordna li jittieħdu passi fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma' din is-serqa u konsegwentement ġew istitwiti dawn il-proċeduri kriminali kontra tiegħu.

Illi kif qalet tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti ġie ppruvat u m'huwiex ikkontestat li l-appellant kien jiffrekwenta ta' spiss dan il-ħanut sabiex jixtri xi oġġetti u m'huwiex ikkontestat lanqas li l-familja tal-appellant kellhom il-garaxxijiet faċċata tal-ħanut li minnu saret is-serqa[2].

[1] Dok 04 CSM 302 huma "impronti elevati minn fuq biċċa ħġieġa mkissra li nstabet fl-art taħt it-tieqa li nstabet bil-ħġieġ imkisser"
[2] Pagna 6 tas-sentenza appellata.

Illi għalhekk wieħed ibati biex jifhem il-loġika li l-appellant kellu imur jisraq propju minn ġewwa ħanut fejn kien ikun faċli ħafna sabiex jingħaraf, għaliex wieħed jista' jassumi li anki r-residenti fil-viċinanzi tal-ħanut kienu jafu min hu u jagħrfuh.

Illi wkoll ma tagħmilx sens li l-appellant kien ser jikkommetti din is-serqa għall-ħabta tat-3.00 ta' waranofsinhar f'ħin meta jkun għadu d-dawl sew (*broad daylight*) u b'hekk ikun faċli li wieħed jingħaraf. U dan mingħajr tal-inqas ipprova jgħatti wiċċu b'xi tip ta' beritta jew balaclava – ħaġa oħra li ma ssemmiet fl-ebda stadju tal-proċeduri.

Illi huwa ċar li l-prova regina f'dan il-kaz ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u dan huwa li kieku ttieħdu l-*finger prints* minn fuq il-*cash register* li nstab f'għalqa li tinsab eżatt fil-kantuniera bejn Triq Birkirkara u Triq il-Gallina u li allura kien jgħaqqad l-appellant mas-serqa. Fl-ebda stadju ma ssir referenza li ttieħdu dawn il-*finger prints* u lanqas is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma tagħmel referenza għal hekk.

Illi għalhekk huwa ċar li l-iktar prova li setgħet tkun b'saħħitha u skjaċċanti ma nġabitx u b'hekk tħalli iktar minn ombra ta' dubju fuq it-tezi tal-Prosekuzzjoni li kien l-appellant li wettaq din is-serqa.

Illi l-appellanti għandu l-vizzju tad-droga u għalkemm għamel tentattivi biex jagħmel programm ta' riabilitazzjoni, jidher li sal-lum qatt ma rnexxielu jtemm dan il-programm. Għalhekk żgur li mhuwiex fl-interess tiegħu li jerġa' jidħol il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn hemmhekk hemm iktar possibiltà li jerġa' jaqa' f'ċirki vizzjuzi minflok jirriforma ruħu kif tant għandu bżonn li jagħmel.

Illi fl-umli fehma tal-appellant din l-Onorabbli Qorti għandha wkoll tagħti kas tad-dewmien esagerat sabiex tingħata s-sentenza f'din il-kawża. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħmel referenza għal dan id-dewmien u tgħid li "l-imputat

ma attendiex diversi drabi s-seduti tal-Qorti minghajr ebda raguni valida...[3]". Iżda meta Qorti tara u tħoss li dan ikun qiegħed isir mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt u/jew fid-dritt, il-Qorti għandha l-fakoltà u l-mezzi neċessarji sabiex ma tħallix li dan isir. B'hekk, kien il-kompitu u fil-poter tal-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex taċċerta ruħha li l-kawża timxi b'mod kemm jista' jkun spedit.

Għaldaqstant, wieħed ma jistax jgħid li l-piena ta' sentejn priġunerija effettiva fil-kwalità tagħha u fil-kwantità tagħha toħloq bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv li hu tant aċċennat u aċċettat fil-kunċett ta' ġustizzja kriminali fiż-żminijiet tal-lum.

Rat l-atti kollha tal-process.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet u rat u ezaminat id-dokumenti esebiti fl-atti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' Gunju, 2019.

Ikkunsidrat.

Illi nhar id-19 ta' Settembru, 2007 xehed l-allura **Spettur tal-Pulizija Michael Mallia** u pprezenta zewg stqarrijiet li ittihdu minghand l-appellant li gew markati bhala dok MM u MM1. Ipprezenta ukoll sentenza moghtija fil-konfront tal-apellant fit-8 ta' Gunju, 2004 u pprezenta sett ta' ritratti li ttiehdu mill-Pulizija xi zmien wara s-serqa fuq istruzzjonijiet tieghu.

Nhar l-4 ta'Jannar 2008 in kontro ezami spjega li kien Marco Abela li kien irraporta li l-allarm tal-hanut tieghu Vegimania kienet giet attivat fuq l-mobile phone tieghu.

[3] Pagna 9 tas-sentenza appellata.

Ghalhekk dan Abela kien mar fuq il-post flimkien ma xi Pulizija u nnota l' xi hadd mhux maghruf kien dahal fil-hanut tieghu peremzz ta' sgass. Spjega li xi hadd kien sgassalu it-tieqa li hemm fuq in-naha l-ohra tal-bieb u dan billi kisser hgiega u b'hekk kellu access ghal gol-hanut. Qallu ukoll li min dahal fil-hanut kien familjari u dan ghaliex is-soltu kien ihalli kaxxi bi flixken tal-ilma wara din it-tieqa pero dakinhar ma kienx hemm. Fil-fatt stqarr li kien nehhihom gurnata ta'qabel.

Qal li kien dahlitliu xi informazzjoni kunfidenzjali li l-appellant seta kien involut f'din is-serqa u ghalhekk kien baghat ghalih u investigah u dan innega l-partecipazzjoni tieghu f'din is-serqa. Kien talbu ghall-impronti digitali tieghu u ma rrifjutax u dan bil-ghan li isiru aktar investigazzjonijiet u ghalhekk kien ghamel talba lill-Magistrat Inkwrenti sabiex isiru xi ezamijiet komparattivi bejn l-impronti mehuda minn fuq l-appellant u dawk misjuba fil-lok derubat. Jghid li fil-fatt kien hemm *positive match* f'impronta wahda.

Qal li huwa akkumpanja lill-appellant fuq il-post u staqsih jekk kienx dahal f'dan il-fond u dan irrifjuta li jwigeb ghad-domandi li sarulu. Qal li hu kien wera r-ritratti tat-tieqa lill-appellant bil-ghan li jaghti spjegazzjoni jekk qatt mar hemmhekk f'dik il-parti tal-hanut u dan baqa' sieket kif kellu kull dritt jghamel. Quddiem din it-tieqa kien hemm air conditioning unit u ghalhekk kien difficli tilhaq din it-tieqa.

**Ps 547 Martin Agius** xehed u pprezenta kopja tal-okkorenza li saret fuq raport ta' Marco Abela. Dan kien irraporta li kienet telqet l-alarm tal-hanut Vegimania, fi Triq B'kara, San Giljan. Kienu marru fuq il-post u sabu hgiega tal-hanut imkisra u qalilhom li kellu l-cash register nieqes minn fuq il-post fejn dan instab f'ghalqa aktar 'l isfel mill-habut ukien fih xi flus. Meta kienu fuq il-post kient dahlitilhom informazzjoi li raw persuna liebes flok abjad hiereg min naha tal-hanut. Fl-akwata saret tfittixija u sabu lil

persuna ta' Kurt Gunther. Dan gie interrogat mill-Ispettur Abdilla pero dan qalilhom li ma kienx fl-akwati f'dawk il-hinijiet li gie mistoqsi dwarhom.

Illi fuq din is-serqa kienet saret inkejsta mill-allura Magistrat Dr Silvio Meli, u l-atti tal-inkjesta gew prezentati fl-atti nhar id-19 ta' Settembru 2007 (Fol.30), liema process verbal gie mmarkat bhala dok MMD.
Il-Magistrat Inkwirenti kien innomina lil Perit Arkitett Valerio Schembri sabiex jaccedi fuq il-post u jghamel il-kostatazzjonijeit tieghu.

Nhar is-17 ta'Ottubru, 2004 kien xehed sid il-fond derubat certu **Marco Abela** quddiem il-perit tekniku Valerio Schembri u qal li minn dan il-hanut Vegimania huwa jiggestixxi negozju. Kien ilu jopera circa sena u sebgha xhur minn dan il-fond. Il-fond huwa koperta bi polza ta'sigurta. L-ahhar li kien telaq mil-fond kien nhar is-Sibt 16 ta'Ottubru, 2004 ghall-habta tas-7.30p.m u kien halla l-fond in buon ordni bla ebda taqlib. Kien sakkar il-fond sew qabel ma telaq.

Ghal habta t-3.04p.m tal-ghada 17 ta'Ottubru 2004 l-allarm daqqlu fuq l-mobile u wasal fuq l-post ghal xi 3.20p.m jew 3.25p.m. Mar jiftah u n-nies qalulu li kienu dahlulu. Dahal fil-fond u sab it-taqlib u sab li il-cash register kien nieqes. Fil-cash register kellu madwar is-somma ta' Lm 200 fi flus kontatni. Oggetti ohra neqsin ma sabx. Suspett ta' f'min seta' wettaq dan ir-reat ma kellux.

Qal ukoll li nhar it-13 ta' Ottubru, 2004 kienet daqqitlu l-allarm pero meta mar fuq il-post ma kien sab xejn mhux tas-soltu. Spjega li meta tiskatta l-allarm din tinforma lilu, lill-Pulizija u taghmel hoss kemm barra kif ukoll gewwa. Flus kontanti sab dakinhar l-ammont ta' LM11.70.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2008 Abela xehed quddiem l-Qorti fil-presenza tal-appellant u kkonferma li l-hanut ilu ghandu sitt snin u kkonferma li nhar is-17 ta' Ottubru, 2004 kienu dahlulu fil-hanut tieghu Vegimania u sar jaf billi daqqietlu l-alarm li giet attivata fuq il-mobile phone tieghu. Qal li min dahallu fil-hanut kienu hadlu l-flus li ihalli fil-cash u dak iz-zmien kellu xi LM 200. Qal li kienu dahlulu minn bieb hdejn il-kantuniera tal-hanut wara l-muturi tal-freezers. Qal li lejliet kien halla kollox sew. Meta dahal fil-post sab xebba hgieg kullimkien u ilma ma' l-art. Qal li l-hgieg kien tal-bieb maghluq bil-hgieg. Dan kien bieb maghluq u ma jinfetahx. Jifforma parti mill-hajt tal-hanut maghmul mill-hgieg. Huwa sab il-hgiega imkissra. Wara il-hgiega jghid li kellu pellets ta' l-ilma u joghlew sa fuq tas-saqaf. Dawk kienu maqluba 'l gewwa kif kien il-hgieg. Il-muturi tal-freezers huma kbar hames piedi 'l fuq mill-art. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu u li huwa habib ta'missieru li kien jahdem faccata. Ikkonferma li l-appellant gieli dahal jixtri minghandu. Ikkonfemra li biex tidhol fil-hanut tieghu bieb wiehed ghandu u dan dejjem minn hemm dahal biex jixtri. Qal li kien jidhol f'hinijiet varji tal-gurnata kien jidhol jixtri helu u coca. Minn dik in-naha fejn kien hemm l-isgass ma tista tiehu xejn aktar hlief ilma minn fuq il-pellets li kien hemm. Dawn l-ilma kienu sas-saqaf. Mistoqsi jekk sewwiex il-hsara jghid li iva sewwa kollox.

**Carmena Borg** xehdet fl-atti tal-inkesjta quddiem il-Perit Valerio Schembri u stqarret li hija tabita fil-fond 104 B'kara road, San Gwann u fis-17 ta'Gunju, 2004 ghall-habta tat-3.15p.m kienet fil-bieb tad-dar li tigi faccata tal-hanut 'Vegimania'. X'hin semghet l-allarm tal-fond harget u daret u rat wiehed diehel jitkaxxar mill-gholi ghal gewwa l-fond in kwistjoni. Ftit wara l-istess bniedem rega' hareg u ratu jigri b'cash register f'idejh. Taf li ratu jaqbez fl-ghalqa fejn instabet il-cash register.

Kien libes car u cioe abjad. Min kien ma tafx u lanqas minn fejn gie ma taf. Tghid li kien irqiq, ghadu zghir u tul ta'circa hames piedi u nofs. Wiccu ma ratux u ma hiex f'posizjoni li tgharfu.

Fl-inkejsta gew nominat PC 1525 Patrick Farrugia u PC 1261 Charles Pace bhala scene of the crime officers u pprezentaw ir-relazzjoni taghhom li gew markati bhala dok PF u CP rispettivament.

Nhar l-15 ta' Ottubru, 2008 **PS 1261 Charles Pace** kkonferma ir- relazzjoni tieghu esebita fl-atti ( fol. 50).

**PC 1525 Patrick Farrugia** deher nhar l4 ta'Jannar, 2008 u gharaf ir-relazzjoni tieghu mmarkata bhala dok PF esebita fl-atti a fol. 41 ta' l-atti tal-inkjesta.

Rat illi nhar l-11 ta'April, 2004, gie nominat **Joseph Malia** bhala espert tal-impronti digitali sabiex jiehu l-impornti digitali ta' Samuel Borg u fl-istess seduta talab li jirtira id-dokument PF redatt min PC 1525 Patrick Farrugia bil-ghan li jghamel ezami komparattiv bejn l-impronti elevati mill-fond derubat ma dawk mehuda ta' Samuel Borg.

Nhar it-18 ta' April, 2006 deher **Joseph Mallia** u pprezenta r-relazzjoni tieghu li gie market bhala dok JM3 ( fol. 62 fl-atti tal-inkjesta ) Minn ezami ta' din ir-relazjoni jirrizulta is-segwenti:-

*1.Illi l-impronti jidhru fuq l-lifter dokument 04 CSH 302 gew kkomparati u identifikati mal-marki tas-swaba tas-saba 'l werrej, s-saba tan-nofs u s-saba tac-curkett ta' l-id il-leminija ta' Samuel Borg numru tal-karta ta' l-identita 434286(M).*

Illi minn ezami tar-relazzjoni PF jidher li dan il-lifter dokument 04 CSM 302 gie elevat minn fuq bicca hgiega imkissra li instabet fl-art taht it-tieqa li instabet bil-hgieg imkisser **PS 90 Jeffrey Gerada** xehed nhar l-4 ta'Jannar 2008 ikkonferma li l-appellant kien irrilaxja zewg stqarrijiet u li ma kienx wiegeb ghal certu domandi li sarulu Muri l-

istatement esebit fl-atti gharafha bhala dik rilaxxjata mill-appellant u mmarkata bhala dok MM. Fuqha gharaf il-firma tieghu, ta' l-ispettur u tal-appellant. Jghid li kien ghamel indagni hdejn il-hanut u wahda mill-girien li illum hija mejta kienet qaltlu li kienet gharfet lil Samuel Borg peress li missieru ghandu garage hdejn il-hanut u ratu jigri 'l isfel minn hdejn il-hanut. Muri r-ritratti mmarkati bhal dok MM3 esebiti fl-atti kkonferma li dawn gew mehuda mill-Ispettur Mallia fil-prezenza tieghu u jindikaw il-fond mertu tal-kawza odjerna.

Rat dak li gie verbalizzat mid-difiza fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2009 fejn ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq bhala xhud lill-Ispettur Martin Sammut biex jikkonferma l-identita' tas-sentenza esebita fl-atti a fol. 21.

L-**imputat Samuel Borg** xehed nhar l-10 ta'April, 2017 u jghid li misseru kien jahdem quddiem il-hanut fejn saret is-serqa, u kien ikun hemm kuljum. Mistoqsi jekk kienx hu li dahal fi-hanut biex jisraq ighid li mhux hu kien. Qal li fil-hanut kien jidhol ta'spiss ghaliex kien imur jixtri ghal min kien ikun fil-garage ta'missieru u anke ghan nanna li tghix hemmhekk fl-akwati ukoll. Kien jidhol xi sitt darbiet jew sebgha kuljum. Dan il-hanut huwa grocer speci ta' mini market u jinsab faccata il-garage kemm jaqsam it-triq. Dak iz-zmien kien ghadu zghir u daqqa ituh il-flus biex jixtri l-helu u gieli ituh il-flus biex jixtri coca u kien imur jixtri lil missieru u liz-zijiet. Qal li anke gobon perzut u ilma kien jixtrilhom, Qal li l-familjari tieghu jahdmu faccata bhala mechanics.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:-

1. Illi Marco Abela sid il-hanut Vegimania kien ircieva mesagg fuq il-mobile phone tieghu nhar is-17 ta'Ottubru 2004 fejn giet attivata l-allarm tal-hanut tieghu.
2. Huwa mar fuq il-post u sab li l-hgiega tal bieb li hemm wara l-muturi tal-freezers kien gie sgassat u l-hgieg kien mitfuh il-gewwa.

3. Illi huwa cempel u rraporta l-kaz lill-pulizja li gew fuq il-post.
4. Fil-vicinanzi instabet il-cash register.
5. Marco Abela jghid li sab nieqes l-ammont ta'circa LM200.
6. Meta l-appellant gie mistoqsi biex jghati spjegazzjoni dwar jekk kienx dahal fil-fond jghid li kien jidhol ta'spiss jixtri ghalih u ghal familjari tieghu.
7. Fl-ebda hin pero ma jipprova jghati spejgazzjoni ghaliex l-impronti digitali tieghu instabu fuq bicca hgiega miksura li kien hemm ma l-art fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut.
8. A bazi ta'din il-prova xjentifika l-Pulizija resqet lill-appellant l-Qorti.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-impronti digitali ttiehdu b'mod regolari u skond l-ligi w huma ammissibbli bhala prova u dan ghaliex fl-ebd ahin ma gew kontestati mid-difiza.

Stabbilit dan il-punt, u cioe l-ammissibilita tal-konkluzzjonijiet tal-espert tal-impronti digitali, wiehed irid jara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal gabra ta' sentenzi citati fis-***sentenza*** fl-ismijiet **<u>il- Pulizija v Malcolm Mifsud</u>**[4].

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika.

[4] moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar t-tlieta ta' Settembru 2007

*"That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."* (**Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.**)

Is-success fl-impronti digitali ghar-rizultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni:-

1. l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precizjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti.
2. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u
3. It-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena</u>** [5]**.** Bhala principju generali *"fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il- Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri</u>** [6]***:***

*"Provi jew indizzji cirkostanza li ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints*

[5] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-23 ta' ta' Jannar, 1996
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-15 ta' Gunju, 1998

*qieghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova."*

Id-difiza ghamlet referenza ghal sejba t'impronti digitali f'hanut f'kawza li giet deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali.*** Din il-Qorti thoss il-htiega li taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija vs Victor Gatt** [7]. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li l-kaz tal-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma dik s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero' din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe li l-prova ta' *fingerprints* wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija.

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri**[8] gie deciz li:

*"… f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza."*

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan*** [9] (gie deciz li:

---

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Mejju, 1999

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Gunju, 1998

[9] 3 Cr App R -74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )

"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulziija vs Anthony Abela**[10] fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xorb, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints.*"

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-*fingerprints* misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jeghleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond u setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra. Mhux bizzejjed kif stqarr l-appellant li kien jidhol fil-hanut ta'spiss u jixtri gobon perzut helu u coca u dan ghaliex kellu jipprova li dawn l-oggetti kienu jinsabu fil-vicinanzi tal-hgieg li ntsab imkisser ma l-art. Jinghad li l-hgieg tal-bieba kien wara l-muturi tal-freezers u hi difficli tmiss mieghu u dan ghaliex minn naha wahda kien hemm stakkjat l-ilma fuq il-pellets gholjin sas-saqaf u min naha ta' barra kien hemm il-muturi gholjin xi hames piedi. Ghalhekk kien jispetta lill-appellant jaghti spjegazzjoni ghalfejn l-impronta tieghu instabet fuq hgiega ma l-art fil-hanut dakinhar tas-serqa.

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu **Forensic Medicine**[11]]:

---

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju, 1998

[11] [6th Edition pagna 19

"***Glanton** estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra:**

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova wahda jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Fis-sentenza moghtija flismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ**[12]**,** dik il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-*shutter* tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-*shutter*.

Hawnhekk il-Qorti m'hiex rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghaliex l-impronti digitali tal-appellant instabu fuq bicca hgiega li kienet ma' l-art bhala rizultat ta' sgass li sar minn bieb tal-hgieg li jinsab hdejn il-kantuniera tal-hanut wara muturi tal-freezer gholjin hames piedi mill-art, u fl-ebda hin ma l-appellant jghid li hu kellu raguni ghalfejn kellu imur proprju wara dawn il-muturi minkejja li jghid li fil-hanut dahal kemm il-darba jixtri.

Id-difiza issosnti li hawnhekk m'hawnx in-nexus bejn l-impronta digitali tal-appellant misjuba fuq il-hgiega mas-serqa u qalet kien ikun ahjar li kieku l-prosekuzzjoni pprezentat il-cash register u instabet imrponta fuqha biex taghmel l-katina tal-provi rikjesta fil-kamp penali. Huwa veru li tali prova kienet tghin ukoll u forsi kienet

[12] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar d-29 ta' April, 1982

issahhah aktar it-tesi tal-prosekuzzjoni fis-sejba ta' htija pero minghajr tali prova ma ifissirx li l-Qorti tarmi l-provi xjentifici l-ohra.

Ghalhekk il-Qorti thoss li l-prova tas-sejba tal-impronta digitali fuq il-hgiega wahedha hija wahda li tikkonvinciha sabiex tasal li ssib lil imputat mhux hati tal-akkuza ta' serq ghaliex irnexxielu jeghleb din il-presunzjoni li hu kellu favur tieghu.

Fir rigward tal-piena jinghad li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk din l-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet ghaliex ghanda tiddisturba id-diskrezzjoni mehuda mill-ewwel Qorti dwar il-piena li ghandha tigi erogata. Il-Qorti hija konxja tal-fatt li r-reat sehh hmistax-il sena ilu pero hija ukoll konxja tal-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti li hi wahda kulurita mimlija convictions. Ghalhekk jidher li l-appellant baqa' ghadejj bl-istil tieghu ta' hajja ta' kriminalita u ghalhekk ma thossx li ghandha tvarja piena inflitta.

Ghalhekk l-akkuza ta' serq bl-aggravju tal-mezz stante l-isgass u bil-valur stante li s-somma misruqa teccedi €233 u konsegwentement qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward ta' konferma fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li appell f'dak ir-rigward ma giex prezentat u tichad l-appell fir-rigward tal-ewwel talba sabiex din il-Qorti tirrevoka is-sejbien ta' htija fir-rigward ta' l-ewwel akkuza stante li is-sentenza ta' l-ewwel Qorti qieghda tigi konfermata kemm fir-rigward tal-htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta ta' sentejn prigunerija.

Qieghda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-entenza fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti nominati u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien tlett xhur minn meta jigi hekk mitlub u fin-nuqqas jigu konvertiti fi terminu ta' prigunerija addizzjonali.

Il-Qorti tordna li din is-sentnza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor l-ispejjez tal-esperti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur